MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1343/2010

Il-Pulizija
(Sp Keith Arnaud u Sp Joseph Mercieca)
vs
Jeremy James Farrugia, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Novembru, 1984, Karta ta’ l-Identita numru 558384(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fit-2 ta’ Settembru, 2010 għal ħabta tat-12.45 ta’ wara nofsinhar, ġewwa l-fergħa tal-maltaPost fi Triq il-Wied, Birkirkara:
1. ikkometta serq ta’ flus kontanti, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li jeċċedi l-€2,329.37 u li sar għad-dannu tas-soċjeta’ MaltaPost plc u/jew entitajiet u/jew persuni oħra;
2. bla ordni skont il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li

jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Fiona Farhat u lil Claire Azzopardi kontra l-volonta' tagħhom;
3. fil-waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (l-Att Dwar l-Armi) mingħajr ma kellu liċenzja taħt l-istess Att;

5. talli rrenda ruħu reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li huwa ġja nstab ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Awwissu, 2011 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 261, 262(1)(2), 263(b), 267, 275, 277(b), 279(b) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 5(1), 51(2) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta; u

d. fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Ottubru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 86, 261(a)(b)(ċ), 262(1)(b), 263(b), 267, 275, 277(b) u 280(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 5(1), 51(2) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ tlett snin priġunerija. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ €2,488 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------